MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Numru 541/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**vs**

**RAYMOND PSAILA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Psaila ta' 40 sena, iben Grazio u Josephine nee Scicluna, imwieled M'Skala nhar is-16.05.1970 u residenti no.62 'St. Joseph', Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 237570(M)

Billi gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' gie akkuzat talli:-

Matul ix-xhar ta’ Marzu 2010 u x-xhur ta qabel b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn 5,000 Euro ghad-dannu ta’ Carmelo Caruana persuna ta’ 87 sena minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra, ai termini ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali;

Talli matul l-istess zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq mir-residenza ta’ l-imsemmi Carmelo Caruana u cioe’ mill-fond no. 60 ‘St. Anthony’, Triq Felice Zabbar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccediex 2,329.37 euro;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Raymond Psaila b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Carmelo Caruana, l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Marion Camilleri ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-ammont dovut rigwardanti dan il-kaz mill-imputat Raymond Psaila lill-parte civile Carmelo Caruana huwa ta’ Euro 5100.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310(1)(a), 261(b), (c) u (e), 263, 267, 269(g), 278(3) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Raymond Psaila, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Raymond Psaila ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Raymond Psaila jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tobbliga lill-imputat Raymond Psaila li jhallas lill-parte civile Carmelo Caruana fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta’ hames t’elef u mitt Euro (Euro 5100) bhala l-ammont dovut mill-imputat Raymond Psaila lill-parte civile Carmelo Caruana rigwardanti dan il-kaz.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Raymond Psaila b’obbligazzjoni personali ta’ elfejn u hames mitt Euro (Euro 2500) li jzomm il-kwiet ma’ Carmelo Caruana ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Psaila l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) u 28(H)(7) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 382A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------